## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Pace**

Numru: 21/2010

Illum 27 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Pace,** ta' tmienja u hamsin (58) sena, iben Joseph u Beatrice nee' Xuereb, imwieled Xewkija, Ghawdex, nhar l-14 ta' Jannar 1952, residenti fil-fond numru 34, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 8652(G), akkuzat;

1. Talli nhar id-19 ta' Frar 2010, ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16.00hrs) gewwa ta' Sannat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, minghajr il-hsieb li toqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Pace (I.D. No. 76350G), u dan skont certifikat mediku mahrug minn Dr. M. Portelli MD;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra l-persuna ta' John Pace (I.D. No. 76350G), sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

3. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil John Pace (ID. No. 76350G) fit-triq sabiex iweggghu jew jinsultah;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 68) datata 20 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat Joseph Pace biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-Artikoli 214, 216(1)(b) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(I) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 382(A), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 ta-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-19 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 104), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Ottubru 2010, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 20 ta' Ottubru 2010, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda b'applikazzjoni tal-

Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kundizzjonata;

Finalment il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b'garanzija personali fil-konfront ta' John Pace taht penali ta' elf ewro (€1000) ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**